MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2015

Citazzjoni Numru. 903/2010

**Edward Ferriggi**

**vs**

**Gasan Enterprises Limited**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat tal-attur Edward Ferriggi (ID 447978M) datat 10 ta’ Settembru 2010 fejn bir-rispett u bil-gurament tieghu kkonferma l-fatti kollha kif esposti f’ dan ir-rikors guramentat: -

Illi l-esponenti fit-23 ta' Jannar 2009 xtara minghand is-socjeta` intimata l-vettura tal-marka Ford Focus Trend, ta' kulur *silver*, numru ta' identifikazzjoni tal-vettura WFOHXXWPDH8C8099, bil-prezz ta' tmintax-il elf u erbat mitt ewro (€18,400).

Illi cirka erba' xhur wara l-akkwist tal-vettura, l-esponenti gibed l-attenzjoni tas-socjeta` intimata li partijiet mill-i*spray* tal-vettura kien jinhass ahrax u gie infurmat mis-socjeta' intimata li dan kien se jigi ssannat bil-hasil tal-istess vettura;

Illi f’ Jannar 2010 l-esponenti mar ghand is-socjeta' intimata sabiex jinbidlu *r-radio* u l-*keyfob* filwaqt li rega’ gibed l-attenzjoni tas-socjeta` intimata li l-i*spray* tal-vettura ma kienx skont l-arti u s-sengha, u s-socjeta' intimata regghet infurmat lill-esponenti li dan kien se jkun ssannat bil-hasil tal-istess vettura;

Illi sussegwentement, f’Gunju 2010, l-esponenti ha l-vettura in kwistjoni sabiex tigi spezzjonata mis-socjeta` intimata, u l-istess socjeta` intimata infurmat lill-esponenti li l-vettura tieghu ma ghandha l-ebda difett;

Illi in segwitu ghall-ispezzjoni fuq il-vettura, l-esponenti fl-10 ta' Gunju 2010 ha l-vettura ghal spezzjoni ghand espert indipendenti, (Dokument A anness) fejn irrizulta li l-vettura, meta verifikata taht id-dawl UV kellha

diversi difetti latenti li ma setghux jigu a konjizzjoni ta' l-esponenti precedentement;

Illi fost id-difetti li rrizultaw fir-rapport ta' l-espert indipendenti (Dokument A anness) hemm diversi tikek suwed f'varji partijiet tal-vettura, u sahansitra rrizulta li l-parti vertikali tal-'boot' tal-vettura hija ta' kwalita` differenti mill-kumplament tal-vettura;

Illi premess li dawn id-difetti inaqqsu daqshekk il-valur tal-vettura illi l-esponenti ma kienx jixtriha li kieku kien jaf bihom precedentement;

Illi l-esponenti jaf personalment bil-fatti hawn dikjarati u debitament enumerati.

Tghid ghalhekk is-socjeta` intimata ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1 Tiddikjara u tiddeciedi illi l-vettura tal-marka Ford Focus Trend, ta' kulur *silver*, numru ta' identifikazzjoni tal-vettura WFOHXXWPDH8C8099, bil-prezz ta' tmintax-il elf u erbat mitt ewro (€18,400) hija kolpita minn vizzju redibitorju li jnaqqas il-valur tal-vettura illi l-esponenti ma kienx jixtriha li kieku kien jaf b'dan id-difett;

2. Tiddikjara konsegwentement rexiss u rizolut l-imsemmi bejgh tal-vettura maghmula mis-socjeta` intimata lil esponenti;

3. Tikkundanna lis-socjeta` intimata sabiex tirrifondi lill-esponenti il-prezz mhallas minnu, filwaqt li l-esponenti jaghti lura l-vettura lis-socjeta` intimata, malli din l-Onorabbli Qorti tilqa' l-ewwel talba;

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` intimata, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali datata 13 ta' Lulju 2010, li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tat-28 ta’ Ottubru 2010.

Rat ir-risposta ta' Gasan Enterprises Limited datata 7 ta’ Ottubru 2010 (fol 11) fejn Dr. Louis Bianchi ID 27347 ghan-nom tas-socjeta` intimata jesponi bir-rispett u bil-gurament tieghu jikkonferma dawn il-fatti li huwa jaf bihom personalment:

1. Illi preliminarjament it-talbiet tar-rikorrenti huma preskritti *a tenur* tal-Artikolu 1431 (1) (2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dana billi din l-azzjoni ma gietxipprezentata fit-terminu prefiss mil-Ligi.

2. Illi bla pregudizju ghas-suespost it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom ghalhekk jigu respinti bl-ispejjes *stante* li l-vettura tal-marka Ford Focus proprjeta` tar-Rikorrenti, ma ghandha l-ebda difetti latenti kif qed jallega l-istess Rikorrenti.

3. Illi referibbilment ghat-tieni paragrafu tar-rikors tar-rikorrenti, huwa minnu illi partijiet mill-*ispray* fuq is-saqaf tal-vettura tar-rikorrenti jinhass ahrax izda dana mhuwiex imhabba l-fatt illi dan l-i*spray* kien diffetuz

meta giet kostruwita u inxrat il-vettura f' Jannar 2009, izda huwa rizulta ta' "*industrial fallout*" li jezizti hawn Malta, kif gia gie ikkomunikat lir-rikorrenti f' diversi okkazzjonijiet, u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazjoni tal-kawza. Tant huwa hekk illi l-istess rikorrenti intebah b' dan l-allegat difett xi erba (4) xhur wara li xtara l-vettura f'Jannar 2009. Illi bla pregudizzju u limitatament bhala *"good customer relations"* s-socjeta` intimata sahansitra anki offriet li tirranga din il-problema a spejjes taghha u li tipprovdi lir-rikorrenti vettura ohra waqt iz-zmien tat-tiswija, izda r-rikorrenti rrifjuta.

4. Illi referibbilment ghas-sitt paragrafu tar-rikors tar-rikorrenti, huwa minnu li hemm *paint run* fuq il-*boot* tal-vettura izda dana mhwiex difett latenti billi huwa vizibbli ghal kollox. Illi f'diversi okkazzjonijiet is-socjeta` intimata offriet li tirranga dan id-difett a sodisfazzjoni tar-rikorrenti (Vide Dok LB1) u *ai termini* tal-garanzija tal-vettura izda huwa ghal xi raguni jew ohra irriffuta li dan ix-xoghol isir.

5. Illi referribilment ghas-seba' paragrafu tar-rikors tar-rikorrenti, mhuwiex minnu illi dawn l-allegati difetti naqqsu l-valur tal-vettura - dawn l-allegati difetti jistghu facilment jigu irrangati, minghajr l-ebda telf ta' valur, haga li l-istess socjeta` intimata kienet lesta li tghamel a spejjes taghha, kieku ma kienx ghall-intransigenza ta' l-istess rikorrenti.

6. Illi ta' min jinnota illi r-rikorrenti ilu jghamel uzu minn din il-vettura ghal dawn l-ahhar wiehed u ghoxrin (21) xahar, haga li zgur fiha nnifissa tnaqqas il-valur tal-vettura, u ghalhekk u jekk ghall-grazzja tal-argument jigi deciz minn din l-Onorabbli Qorti illi dan il-biegh ghandu jigi rexiss, l-ammont li ghandu jiehu lura r-rikorrenti ghandu jigi imnaqqas bil-konsiderazzjoni illi huwa ghamel u qed jaghmel uzu estensiv u ghal

zmien twil b' din il-vettura minflokk ma' ddepozita din il-vettura taht l-Awtorita` tal-Qorti kif kien obbligat li jaghmel.

7. Illi *in vista* tal-premess, it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu kollha michuda bl-ispejjes.

8. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-Digriet taghha tal-31 ta' Dicembru **2014** fejn wara li kkonsidrat li fic-cirkostanzi, jkun opportun li l-partijiet jaghlqu l-provi fuq l-ewwel eccezzjoni preliminari u tinghata sentenza fuq din l-eccezzjoni, laqghet it-talba tas-socjeta' konvenuta u ordnat li s-socjeta' konvenuta ghandha tressaq il-provi taghha fuq l-ewwel eccezzjoni sabiex tinghata sentenza fuq din l-ewwel eccezzjoni.

Rat il-verbali tas-seduti kollha inkluz dak tas-seduta tas-16 ta' April 2015 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Louis Bianchi ghas-socjeta' konvenuta. Deher l-attur. Dr. Bianchi ghas-socjeta’ konvenuta rrileva illi fir-rikors fejn talab li l-Qorti tghaddi ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni huwa ghamel accenn ghax-xhieda tal-attur u tax-xhieda tieghu u ghalhekk ghamel referenza ghax-xhieda ghall-finijiet tal-ewwel eccezzjoni tieghu. Il-Qorti *in visto* ta' dan il-verbal halliet il-kawza ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ghad-9 ta’ Lulju 2015 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din is-sentenza tindirizza biss l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' intimata Gasan Enterprises fejn eccepiet:-

*"Illi preliminarjament it-talbiet tar-Rikorrenti huma preskritti a tenur tal-* ***Artikolu 1431(1)(2)*** *tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dana billi din l-azzjoni ma gietxipprezentata fit-terminu prefiss mill-Ligi."*

Illi l-kawza odjerna titratta dwar bejgh ta' karozza li l-attur xtara minghand is-socjeta' konvenuta fit-23 ta' Jannar 2009. Huwa qed jallega li l-karozza fiha difetti, ghal-liema difetti attira l-attenzjoni tal-konvenut *nomine* wara erba' xhur u gie infurmat mill-konvenut li d-difett kien ser jigi ssanat bil-hasil tal-istess vettura. Rega' gibed l-attenzjoni tal-konvenut f'Jannar 2010, u imbaghad f'Gunju 2010 u l-konvenut infurmah li ma kien hemm l-ebda difett. Fl-10 ta' Gunju 2010 ha l-vettura sabiex tigi spezzjonata minn espert li sab li kien hemm difetti li kienu vizibbli fid-dawl UV.

Illi f' rapport anness mar-rikors promotur datat l-10 ta' Gunju 2010 (fol 4-5) nsibu li zewg esperti inkarigati mill-attur, Anthony Aquilina u Peter Ashworth "*both concurred that the paint on the roof and the bonnet are not the original factory spray. There may be overspray in these areas due to a poor quality spray job and the boot lid was not set property. Seen under UV light there are black specks in three places on the boot*

*lid and the vertical part of the boot lid is not finished to the same level as the rest of the vehicle. There are also drippings in the corner indicated that the vehicle has had work on it."* Dan ir-rapport mhuwiex iffirmat izda gie kkonfermat minn Malcolm Naudi fix-xhieda tieghu (Fol 61A *et.seq.* tal-process).

F'ittra annessa bhala **Dok LB1** (fol 15) indirizzata lill-konsulent legali tal-attur, is-socjeta' konvenuta cahhdet li l-vettura kellha xi vizzji mohbija u rriteniet li "*it would appear that the damage to his paintwork is the result of industrial fallout."* Billi l-vettura kienet ghadha taht garanzija, l-kumpanija offriet '*as a gesture of goodwill*' li a spejjez taghha jaghtu *polish* u *l- bootlid* jerga' jinzeba' filwaqt li l-attur gie offrut l-uzu gratuwitu ta' karrozza.

Din il-kawza giet intavolata fl-10 ta' Settembru 2010.

**Xhieda rilevanti ghall-ewwel eccezzjoni**

**Michael Ferriggi,** missier l-attur, li hallas ghall-vettura, xehed[1] li hadu l-konsenja tal-vettura fid-29 ta' Frar 2009. Hallas depozitu ta' €500 f'Jannar, €15,000 b'cekk u l-bilanc ta' €3100 fi flus kontanti fid-data tal-konsenja. Il-vettura kienet tkun garaxxjata fost il-gimgha u kienet tintuza minn ibnu, l-attur odjern, darba l-Hadd. It-tifel induna bid-difetti xi tlett xhur wara waqt li kien qed jahsel il-karrozza ghall-habta ta' April, Mejju 2009. Qal li ta' Gasan qalulu li dan jittranga mal-hasil. Xi tliet xhur wara biddlulu r-radju u t-tifel rega' gibdilhom l-attenzjoni ghad-difett, Regghu qalulu li jigi bil-hasil. Dan kull darba li kien imur ghandhom. Qal li fid-9 ta' Marzu 2010 rega' kellimhom fuq l-*ispray* li kien ghadu l-istess. Darba

[1] Xhieda a fol 24 *et.seq.* tal-process

ibnu ha l-vettura ghall-*polish* ghand Peter Ashworth u qallu li kien hemm hafna '*dirty spray'.* Minhabba dan ix-xhud rega' mar ghand Gasan fit-8 ta' Gunju 2010 u kellem lil Robert Culbert li saqsih jekk il- vettura kinetx wahda '*approved'* jew gdid, u saqsih minn fejn kien xtraha. Imbaghad qallu li l-vettura kellha bzonn *polish* shiha u esebixxa *job slip* mahrug mill-konvenuta **Dok. MF1.** Ix-xhud qal li baghat fax lill-kumpanija fl-Ungerija u l-ghada gie ikkuntattjat minn Malcolm Naudi li ha ritratti u hejja rapport (fol. 4 u 5).

**L-attur xehed**[2] li ha l-konsenja tal-vettura fis-26 ta' Frar 2009[3]. Meta hasel il-karrozza sab li s-saqaf kien raff. Kellu problema fl-*istereo* u wara xi tlieta jew erba' xhur meta rrangawlu l-*istereo,* missieru rega' semmilhom il-problema taz-zebgha u qalulu li bil-hasil imur. Meta wasal iz-zmien tas-*service*, kienet ser taghlaq sena, missieru rega' fakkarhom rigward iz-zebgha. Wara li missieru rega' mar fid-9 ta' Marzu 2009 ghall-problema ohra fil-vettura li giet irrangata, huwa talab opinjoni minn Peter Ashworth li sablu d-difetti li gew rapportati. Fl-24 ta' Gunju 2010 baghat korrispondenza b'*emails* lill-kumpanija estera ta' Ford li rriferuhom ghand Malcolm Naudi. Il-kumpanija konvenuta stednithom biex jiltaqghu izda ma waslux ghall-arrangament. **In Kontro ezami** qal li hasel il-vettura l-ewwel darba erba' xhur wara li hadha .

Mistoqsi jekk "*Huwa veru li Gasan qallek ha naghmluha halli naraw x'jigri u imbaghad nergghu nitkellmu jekk ma nirrangawx*" b'riferenza ghall-offerta ta' Gasan li jaghmel *polish*, wiegeb li dan kien veru imma ma accettax.

---

[2] Fol.32 *et.seq.* tal-process.
[3] Rega' kkonferma d-data in kontroezami a fol.38

**Malcolm Naudi** xehed[4] u kkonferma li kiteb ir-rapport a fol 4 u 5 tal-process datat l-10 ta' Gunju 2010 meta kien impjegat bhala konsulent fir-relazzjonijiet pubblici tas-socjeta' konvenuta. F'dik il-posizzjoni kien meqjus bhala PR Manager ghal Ford f'Malta. Kien gie mitlub mill-kap tal-komunikazzjonijiet u affarijiet pubblici ta' Ford fl-Ewropa biex jindaga dwar skambju ta' korrispondenza bejn l-attur u s-socjeta' konvenuta. "*Bazikament min-naha tieghi li kelli naghmel huwa li nara min-naha tal-klijent x'kienet il-kwistjoni u nipprova nsolviha b'mod amikevoli."* Kull ma ghamel kien li ghadda l-informazzjoni li gabar lis-socjeta' konvenuta.

**Duminku Gatt**, ***foreman* fuq l-i*spray*** mas-socjeta` konvenuta, xehed[5] li fis-sena 2010 Ferriggi kien gab il-vettura billi kien qed jilmenta li l-i*spray* kellu tikek suwed. Hu tkellem ma' Robert Culbert u kkonkludew li dan kien rizultat ta' *industrial fallout.* Kienu lesti li jirrangaw iz-zebgha tal-*boot* fejn kellu carcira (*running paint)* u kienu lesti wkoll *bhala goodwill* li jaghmlu *polish* tal-vettura kollha biex inehhu t-tikek tal-*industrial fallout,* izda irrifjuta.

Xehed **Julian Borg[6],** *Manager* mas-socjeta` intimata li kkonferma li Edward Ferriggi xtara l-vettura fil-bidu tas-sena 2009 u "ftit xhur wara" kien ilmenta li l-vettura kellha xi difett fl-i*spray* taghha. Esebixxa kopja ta' *email (**Dok JB1)*** datata l-20 ta' Jannar 2011, mibghuta minn Edward Ferriggi lil Hans Jurgen Fuchs ghad-ditta estera ta' Ford, fejn jghid li "*Nearly 2 years have passed by and I am still in limbo."* Minn email iehor **Dok JB2** mibghut minn Edward Ferriggi lil Fuchs, hu jghid li "*I bought a brand new (suppose) Ford Focus from Malta agent (Gasan Group) on the 26th February 2009, after 3 months I went with a complaint about the spray..."*

[4] Fol.61 A tal-process
[5] Affidavit a fol 69 u 70 tal-process.
[6] Affidavit ipprezentat fid-19 ta' Jannar 2015

**Konsiderazzjoni ta' Dritt**

Illi l-**artikolu 1431 tal-Kodici Civili, Kap. 16** tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi :-

*"(1) L-azzjoni redibhitoria u l-azzjoni astimatorja jaqghu bil-preskrizzjoni ghal dawk li huma immobbli l-gheluq ta' sena minn dakinhar tal-kuntratt, u ghal dawk li huma hwejjeg mobbli bl-gheluq ta' sitt xhur minn dakinhar tal-kunsinna tal-haga mibjugha.*

*(2) Izda jekk ma setax ikun li x-xerrej jikxef id-difett li ma jidhirx fil-haga, iz-zminijiet hawn fuq imsemmija tal-preskrizzjoni ma jibdewx ighaddu hlief minn dakinhar li seta' jkun jaf li hu jikxef dak id-difett."*

Illi fis-sentenza **Darmanin v Spiteri Debono (**Q.Kumm - 25 ta' Frar 1930) il-Qorti rritieniet hekk: "*Illi l-attrici ma tistax tiskaguna ruhha billi tghid li hija ma pprocedietx ghax il-konvenut kien qieghed jaghmlilha offerti ta' transazzjoni. Dan hu veru, imma hu anki veru li t-terminu ta' xahar* (illum sitt xhur) *fuq imsemmi ma hux terminu ta' preskrizzjoni, izda ta' dekadenza."* (Ara wkoll **Schembri v Gatt** - Qorti tal-Kummerc, 5 ta' Novembru 1926; **Emmanuele Camilleri noe v Anthony Calascione noe -** Qorti tal-Kummerc, 29 ta'Ottubru 1954.)

*Fil-kaz* **Edward Fenech vs Gaetano Spiteri,** deciza mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Lulju, 1990 gie ribadit li "*It-terminu ta' sena biex ix-xerrej ikun jista' igib 'il quddiem l-azzjoni tieghu jibda jiddekorri minn dak in-nhar li seta'*

*jkun li hu jikxef id-difett. Dan it-terminu huwa terminu ta' dekadenza u ghalhekk hu perentorju."*

Inoltre, l-istess Qorti tal-Appell irriteniet li *"Biex il-kompratur jista' jsostni l-azzjoni tieghu proposta wara d-dekors ta' zmien jehtieglu jipprova li huwa, fi zmien utili informa lill-venditur bil-vizzju tal-haga u dan, f'dan iz-zmien, ipprometta li jiehu l-haga lura jew almenu irrikonoxxa jew ma kkontrastax l-ezistenza tal-vizzju. Ir-rikonoxximent tal-vizzju da parti tal-venditur biex jissospendi d-dekadenza irid ikun car, formali, esplicitu u inkondizzjonat."*

***Dies a quo***

Il-kwistjoni quddiem din il-Qorti hija f'meta seta' kien li l-attur jikxef id-difett in kwistjoni u kwindi meta beda jiddekorri kontrih t-terminu stipulat fl-artiklu citat.

Kif gie ritenut mill-Qorti tal-Kummerc fil-kaz **Cuschieri v Gauci noe** (21 ta' Mejju 1934) citat b'approvazzjoni mill-qorti tal-Appell fil-kaz fuq imsemmi **Fenech v Spiteri**, "*l'eccezione alla regola generale della decorrenza del termine dalla consegna nel caso in cui il compratore fosse stato nella impossibilita' di conoscere il vizio, e' di stretta interpretazione, e non si puo' ammettere l'esistenza della impossibilita' di conoscere il vizio quando l'ignoranza di questo e' dovuta a colpa del compratore."* (***Vol. XXVII p.III pg.1337).***

Kif intqal minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kaz fl-ismijiet **Pierre Ciantar v Mario Xuereb et** (PA(RCP) - 12 ta' Dicembru 2001) "*Dan ma jfissirx pero' li x-xerrej jista' jibqa' inattiv anke meta d-difett ikun gie kjarament stabbilit. Id-dies scientiae hu dak li fih jigi definitavament accertat id-difetti. B'dana kollu hemm zgur punt fiz-zmien li fih l-izvilupp*

*progressiv ta' vizzju jista' jinghad li jkun lahaq kumulattiv li ghandu ragjonevolment jgharraf lix-xerrej bl-ezistenza tieghu u minn dak il-punt jibda jitqies iz-zmien ta' l-azzjoni jew inazzjoni ta' l-istess xerrej ghall-finijiet ta' l-artikolu 1481 (issa 1431) tal-Kodici Civili" (***Emanuele Florian vs Rosario Desira,** Prim'Awla - 9 ta' Gunju, 1969)."

Illi fil-fehma tal-Qorti, mill-provi jidher li meta giet inizjata l-azzjoni ta' l-attur, t-terminu imsemmi fl-artiklu 1431 kien ga skada.

Mill-provi jirrizulta li l-attur induna bid-difett, (*'iz-zebgha raffa'*) xi tliet xhur wara li ha l-konsenja tal-vettura ghall-habta ta' April/Mejju 2009. Ilmenta mas-socjeta' konvenuta fejn qalulu li iz-zebgha jigi bil-hasil. Minn dak iz-zmien ma ghamel xejn hlief li kull darba kellu ghalfejn imur ghand is-socjeta' konvenuta sabiex jirrimpjazzawlu xi *part* jew iehor, jew ghas-*servicing*, ha l-opportunita' biex jilmenta fuq iz-zebgha, u dejjem ircieva l-istess twegiba. Kien biss f'Gunju 2010, 13-il xahar wara li kien nduna ghall-ewwel darba biz-zebgha raffa li mar ghand espert, Peter Ashworth, li ezamina l-vettura taht id-dawl UV u kkonkluda li ken hemm difett.

Ikkonsidrat li s-socjeta' konvenuta f'ebda mument ma ammettiet li kien hemm difett jew accettat ir-responsabbilita, la esplicitament u lanqas tacitament, ghall-istess. Anzi dejjem sostniet li dak li rriskontra l-attur kien dovut ghall-*industrial fallout.*

Illi d-difett baqa' l-istess mill-ewwel mument li induna bih l-attur. Id-difett fiz-zebgha certament ma jimportax xi komplikazzjoni teknika fil-vettura u allura ma kien hemm xejn li zamm lill-attur milli jfittex accertamenti minn espert jew milli jibda l-azzjoni odjerna. Din il-Qorti tasal biex taccetta li t-terminu ma jibdiex jghodd minn Mejju 2009 ghaliex f'dak iz-zmien l-attur ragjonevolment qaghad fuq il-kelma tas-socjeta` konvenuta li jigi bil-hasil. Izda meta rega' mar ghal darba, darbtejn u ma inbidel xejn, kellu jiehu l-azzoni opportuna. Ma jistax ikun li l-attur ma ndunax li z-zebgha kienet difettuza minn Mejju 2009 sa' Marzu 2010 (sitt xhur qabel din il-

kawza) u fil-fatt missieru mar diversi drabi ghand Gasan fix-xhur intervenjenti u l-vettura dejjem baqghet fl-istess kondizzjoni. Il-lamenteli wahidhom ma jsarrfux f'impossibbilita' ghall-azzjoni imma biss f'passivita' ingustifikabbli.

Kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza gia citata "**Carmelo Buttigieg vs Eucharist Zammit et noe**"ccitata b'approvazzjoni fil-kaz premess **Ciantar v Desira**: "*Difett li baqa' kostantament jimmanifesta ruhu fil-karozza ghall-perjodu ta' tlett snin jew izjed* "(f'dan il-kaz sittax-il xahar minn Mejju 2009)" *independentement milli jekk f'dan iz-zmien dan id-difett kienx aggrava ruhu jew le jirrendi lill-attur negligenti stante li ma aggixxiex fit-terminu debitu u rikjest mill-ligi sabiex huwa jikkonstata n-natura tal-ilment minnu vantat fiz-zmien ragonevoli wara li huwa xtara l-istess vettura."*

Illi ghalhekk *in vista* tal-premess din il-Qorti thoss li la darba l-azzjoni giet biss intavolata fl-10 ta' Settembru 2010 jirrizulta li l-azzjoni giet hekk prezentata wara t-terminu rikjest mill-ligi skont l-**artikolu 1431 tal-Kap 16** u ghalhekk ma saritx fit-terminu ta' sitt xhur rikjest mill-istess artikolu u ghalhekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni *da parte* tas-socjeta` konvenuta ghandha tigi milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi **tilqa'** l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta u tiddikjara li l-azzjoni hija preskritta *ai termini* tal-**artikolu 1431 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta.

**L-ispejjez jithallsu mill-attur.**

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------